**Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu**

**JANNAR 2008** **NUMRU 228**

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Meta t-talb isir tajjeb u nafu x'qed nitolbu u ma' min qed nitkellmu, kapaċi li tibda l-ħajja spiritwali tagħna. Jekk nitolbu spiss u nitolbu tajjeb, nikbru fil-ħajja spiritwali tagħna.
Qegħdin nirriflettu fuq il-Kastell Interjuri ta' Santa Tereża, li tqabbel lir-ruħ ma' kastell li fih seba' kmamar, jew għamajjar. Il-kastell huwa r-ruħ, u meta niddeterminaw li nimxu 'l quddiem fil-ħajja spiritwali, dejjem tikber fina x-xewqa li ngħaddu minn kamra għal oħra. Ma nibqgħux kuntenti li nibqgħu fl-ewwel kmamar, iżda li nitħeġġu li nsiru aħjar sakemm nilħqu l-kmamar iktar 'l fuq. Fil-ħarġa ta' Diċembru li għadda rajna x'jinħtieġ biex nidħlu fil-kastell u wara ħafna sagrifiċċji u determinazzjoni dħalna fl-ewwel tliet ikmamar.
Wara li r-ruħ tiddetermina li tibda titlob aħjar biex titqaddes u ħaditha kontra d-dnubiet, u daħlet fl-ewwel kamra, mudlama, għadha marbuta mad-difetti jew dnubiet, imma b'rieda soda mxiet 'l quddiem u daħlet fit-tielet kamra, li fiha r-ruħ titħarreġ fl-imħabba ta' Alla. Tibda tħobb tassew lil kulħadd, u tibda tumilja ruħha. Illum nitkellmu fuq ir-raba kamra. F'dan l-istat wara ħafna żmien u taħriġ, ir-ruħ tibda tħobb b'imħabba kbira lil Alla li tfittex tevita kull dnub imqar venjali. Meta tasal hawn ir-ruħ tibda tirċievi ħafna grazzji minn għand Alla, fosthom li tibda ssibha faċli li titlob, tieħu ġost titlob u titlob bi mħabba kbira.
Ir-ruħ ma tgħaddix malajr għal din il-kwalità ta' talb, imma b'rieda soda li trid issir qaddisa, b'perseveranza fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu . . . . u dan wara ħafna żmien u sagrifiċċji (ikompli darb'oħra).

---

Il-laqgħa fiċ-Ċirkoli tagħna ma tistax la tkun interessanti u lanqas tħalli l-frott mixtieq jekk dawk li jagħmlu l-laqgħa ma jkunux ippreparawha tajjeb, ħadu n-noti u fehemu huma stess il-messaġġ li jridu jwasslu . . . . QATT M'GĦANDU MEMBRU JAGĦMEL IL-LEZZJONI LI MA JKUNX IPPREPARA TAJJEB.

---

Bdejt f'diversi Ċirkoli li fl-Irtir tax-xahar nispjega aħjar IL-KASTELL INTERJURI TA' SANTA TEREŻA . . . . . Dawk iċ-Ċirkoli li jixtiequ li l-membri tagħhom jidħlu iktar fil-fond fuq it-talb .. .
ċemplu : Tel 21 441769
Mob: 99486447
Email . . .damiancachia@onvol.net
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

Il-Papa lill-Membri ta' l-Azzjoni Kattolika.
Fl-Italja hemm id-drawwa li l-membri ta' l-Azzjoni Kattolika iġeddu l-wegħda tagħhom fil-festa tal-Kunċizzjoni. Waqt l-Angelus tat-8 ta' Diċembru, il-Papa sellem lill-membri li kienu qegħdin iġeddu t-tesserament tagħhom; Hu qalilhom 'it-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti ta' l-Azzjoni Kattolika jistgħu joffru lill-Knisja u lis-soċjetà xhieda ferrieħa ta' qdusija lajkali'. Din l-istedina tgħodd għalina wkoll. S'issa l-membri kollha ġeddu l-wegħda li jkunu fidili għas-sejħa tagħhom ta' membri ta' l-Azzjoni Kattolika. It-tesserament huwa mument sabiħ, mument li xi kultant jista' jkun kważi emozzjonali x'ħin tiftakar li inti ġejt imsejjaħ. B'mod aktar dirett mill-mgħammdin l-oħra biex tkun appostlu. Dan hu impenn li jirrikjedi preparazzjoni. Il-programm għas-sena soċjali li qegħdin fiha: 'Bħala ġebel ħaj, inbnew f'bini spiritwali' (1 Pietru 2, 5) jgħinna sew biex inħejju ruħna, għax hija stedina għall-formazzjoni dottrinali, soċjali u għall-qdusija.

Il-formazzjoni dottrinali hija l-aqwa għodda li jista' jkollu l-appostlu. Fi kliem ieħor irridu nkunu nafu sew, id-dutrina tal-Knisja Kattolika, dutrina li permezz tagħħa inħaddnu u nwasslu lil ħaddieħor raġuni għat-tama tagħna, tama ta' paċi, imħabba u risq għall-familja tal-bnedmin f'din

id-dinja u ta' għarfien tal-kobor ta' Alla fid-dinja l-oħra. L-aħħar enċiklika tal-Papa titkellem preċiżament dwar dan.

Il-formazzjoni soċjali hija ta' tagħlim soċjali tal-Knisja, tagħlim imsejjes fuq l-esperjenza kollettiva tan-Nisrani, ta' nies speċjalisti fis-suġġett u mdawwlin mit-tagħlim tal-vanġelu. Dan it-tagħlim hu importanti biex inkunu nistgħu nwasslu l-volontà ta' Alla f'kull okkażjoni li niltaqgħu magħha u biex aħna ma niżbaljawx fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja li nsibu ruħna fihom.

It-tagħlim ma huwiex biżżejjed. Miegħu jrid ikun hemm il-qdusija personali li tikkonvinċi, dik it-tip ta' qdusija li l-poplu kien iħoss u jara' f'San Ġorġ Preca u Madre Tereża. Santu Wistin kien poġġa dan il-ħsieb fi kliem eżatt meta qal: '' . . . imma billi rrid nitħaddett miegħek, jeħtieġ li nfittex biex dak li jien diġà għandi f'qalbi jkun f'qalbek ukoll''. It-tagħlim biss, mela, mhux biżżejjed, irid l-ewwel jinżel f'qalbna biex jagħmel il-frott u biex inkunu nistgħu nnissluh f'qalb ħaddieħor.

Il-Papa fakkarna li l-Azzjoni Kattolika toffrilna tagħlim u mudelli ta' qdusija. Nagħmlu l-aħjar użu possibbli minn dak li toffri. Nippreparaw tajjeb għall-laqgħa. Nieħdu l-kopja tal-Ħuġġieġa magħna għal laqgħa u nsegwu l-laqgħa minn fuqha. Infakkarkom li biex nagħtu aktar opportunità lill-membri biex ikunu appostli ta' sħabhom, qegħdin inħajjru membri ġodda biex jippreparaw l-ewwel parti tal-laqgħa.

Kull Ċirkolu għandu jagħżel żewġ membri biex jiġu mħarrġin ħalli jippreparaw din il-parti tal-laqgħa . Patri Damjan se jorganizza laqgħa għal dawn il-membri nhar il-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2008 fis-6.30 p.m. f'Sala Mons Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana.

Membri taż-ŻAK f'laqgħa f'Ġerusalemm.
Tliet membri taż-ŻAK attendew laqgħa internazzjonali organizzata mill-Forum Internazzjonali ta' l-Azzjoni Kattolika f'Ġerusalemm. Kien hemm rappreżentanti minn 29 pajjiż, minn erbgħa kontinenti, fosthom iċ-Ċina, il-Messiku, Bożnija Erzegovina, Myanmar Birmania (Burma), l-Uganda, Mali, Kenja, Burundi, iċ-Ċili, Costa Rica, l-Israel u l-Palestina.
**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

# TESSERAMENT ĊENTRALI

Is-Sibt 12 ta' Jannar 2008 fis-6.15p.m.
Sala Mons. Gonżi -Istitut Kattoliku - Floriana
NIBDEW B'QUDDIESA LI FIHA JSIR IT-TESSERAMENT Tad-DIRIĠENTI ĊENTRALI
WARA NAQSMU FLIMKIEN IX-XEWQAT TAJBA GĦAS-SENA l-ĠDIDA

ĠIMGĦA TA' TALB GĦALL-GĦAQDA TAL-KNEJJES
Bejn it-18 u l-25 ta' Jannar 2008
Nitolbu lkoll biex din l-għaqda sseħħ

## ATTIVITAJIET TA' L-AZZJONI KATTOLIKA MATUL IX-XAHAR TA' JANNAR 2008

| | | |
|---|---|---|
| 3 ta' Jannar | Fergħa Xebbiet Adulti | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| | Membri Kollha | Siegħa adorazzjoni organizzata mill-Azzjoni Kattolika ġos Seminarju tal-Virtù, Rabat, mill-17:30 sas-18:00. |
| 7 ta Jannar | SAS | Attività għal Anzjani |
| | ŻAK | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara fit-20:30. |
| 9 ta' Jannar | Kummissjoni Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-18:00. |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalità fis-18:00. |
| 10 ta' Jannar | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |
| 11 ta' Jannar | Direttorju | Laqgħa fis-18:00 fid-Direttorju, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 12 ta' Jannar | Direttorju u Kunsilli Ċentrali | Tesserament Ċentrali fis-18:15 f'Sala Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 13 ta' Jannar | ŻAK | Support Group |
| 14 ta' Jannar | ŻAK | Laqgħa fit-20:30 biex niddiskutu l-Euroforum fid-dettall. |
| 16 ta' Jannar | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30. |
| | Fergħa Nisa u SAS | Laqgħa bejn il-Fergħa Nisa u Delegati SAS bejn id-9:30 u 11:00 f'Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 18 ta' Jannar | Fergħa Rġiel, Fergħa Xebbiet Adulti, Koppji Miżżewġin | Lezzjoni għal dawk il-membri li iieħdu ħsieb il-laqgħat ta' kull ġimgħa fis-18:30 f'Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana |
| 21 ta' Jannar | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30. |
| | ŻAK | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'B'Kara fit-20:30 |
| 24 ta' Jannar | Fergħa Nisa u SAS | Laqgħa bejn il-Fergħa Nisa u Delegati SAS bejn id-9:30 u l-11:00 f'Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana |
| 25 ta' Jannar | Direttorju | Laqgħa fis-18:00 fid-Direttorju, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 29 ta' Jannar | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettwali No. 2 għal dawn iċ-Ċirkoli fid-9:30 Balzan, B'Kara, Fleur-de-Lys, Ħamrun Kunċizzjoni, Ħamrun San Gaetanu, Ħamrun Sokkors, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar, Rabat, Sta Venera, Valletta San Pawl. |
| 30 ta' Jannar | SAS | Laqgħa tal-Kunsill fis-18:00. |
| 31 ta' Jannar | Fergħa Nisa u SAS | Laqgħa bejn il-Fergħa Nisa u Delegati SAS f'Sala Dandria bejn id-9:30 u l-11:00. |

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Il-Programm li tippreżenta l-Kummissjoni Ħidma Morda 'SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-8.30 p.m. fuq Radju Malta. Dawn huma d-dati tal-programm għal Jannar **; -**6, 13, 20 u 27.

## **Fergħa Xebbiet Adulti**

Nixtiequ lill-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika Sena Ġdida mimlija ħidma fi ħdan iċ-Ċirkoli tagħhom.

## **GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN**

Il-membri kollha tal-Kummissjoni Gruppi Koppji Miżżewġin jawguraw l-isbaħ xewqat ta' paċi tal-qalb u hena fil-Mulej lill-Membri tal-gruppi kollha u l-familji tagħhom għas-sena ġdida 2008.
Nixtiequ nħeġġu ħafna lill-koppji animaturi tal-Gruppi biex meta jipprogrammaw xi attività jinfurmawna b'dan mhux aktar tard mill-ewwel ġimgħa tax-xahar ta' qabel.
Nirringrazzjawkom u mill-ġdid insellu għalikom u nawgurawlkom.

Carmen u Joe Agius Delicata

## **SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA**

Lid-Diretturi tad-Djar ta' l-Anzjani tal-Knisja.
Fil-bidu ta' Kull Sena Ġdida, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika jistieden l-Anzjani tad-Djar Residenzjali tal-Knisja għall-High Tea u Get Together.
Din id-darba din l-attività qed tkun organizzata flimkien ma' l-Uffiċju Djoċesan tad-Djar ta' l-Anzjani tal-Knisja. Hekk insaħħu wkoll l-ispirtu komunitarju kif jitlob is-Sinodu.
Din is-sena l-okkażjoni se tiġi organizzata b'dan il-Programm:
3.30 p.m. Niltaqgħu lkoll flimkien
3.45 p.m. High Tea
4.00 p.m. Varjetà: Kant, Logħob, Sketches, Żfin;
5.30 p.m. Rigali bix-xorti;
6.00 p.m. Tmiem
Post: Soreda Hotel, Triq Andrew Cunningham, Qawra
Data : It-Tnejn 7 ta' Jannar 2008
Trasport: Id-Djar Residenzjali li għandhom iI-Minibus tagħhom għandhom jagħmlu użu minnha biex jittrasportaw lir-residenti tagħhom.
Is-Segretarjat Assistenza Soċjali jipprovdi Trasport biss lid-Djar Residenzjali li ma għandhomx il-minibuses tagħhom. It-Trasport jgħaddi għalihom fit-2.45 p.m.
Importanti: inti ġentilment mitlub li tinforma lis-Sur Paul Mifsud, Viċi President SAS, 42, Carini Street Santa Venera HMR 07,(Tel 21443459) dwar in-numru tar-residenti li se ġġib u dwar it-Trasport, mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard mit- 3 ta' Jannar 2008.
Nieħdu din l-okkażjoni biex nawgurawlkom l-isbaħ xewqat għas-sena l-ġdida.

Dennis Buttigieg
President SAS

Dun Valentino Borg
Direttur Djoċesan Djar ta' l-Anzjani tal-Knisja

Donazzjonijiet li Jsiru Waqt il-Ħruġ bil-Minibuses tas-S.A.S.

L-Ewwel Premju - Wool Rug
Ticket No 014219 - Mtarfa Home

It-Tieni Premju - 3 Towel Set
Ticket No 013849 - A.K. Żebbuġ

It-Tielet Premju - 3 Towel Set
Ticket No 014146 - A.K. Msida

**Servizz bil-Minibuses**

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

# Ċenaklu Għad-Diriġenti Ċentrali

Nhar il- Ġimgħa 8 ta' Frar, 2008
Fis-6.oo p.m.
(Dettalji fiċ-Ċirkolari)
Il-Membri tad-Direttorju Ġenerali u tal-Kunsilli u Kummissjonijiet Ċentrali huma mħeġġa li jattendu.

Nixtieq nibda dawn il-kelmtejn tiegħi billi nawgura lil kulħadd is-Sena t-Tajba. Bħal ma tafu l-Azzjoni Kattolika hija Għaqda Volontarja u biex fid-dinja tal-lum tkun kompetenti għandek bżonn il-flus, għax bla flus ma tagħmel xejn. Forsi nistħajjel li tgħidu dawn dejjem iridu ? ! ! ! Għadna kemm irċevejna November Appeal u bagħtna l-kontribuzzjoni tagħna, issa x'jonqos ????

Bdejna sena ġdida u bħal dejjem l-Azzjoni Kattolika Maltija qed terġa' titlob l-għajnuna tagħkom. Is sena l-oħra mill-flus li ġbarna mill-Lotterija xtrajna *computer* ġdid u ħallasna xi kontijiet li kellna pendenti. Għalhekk din is-sena se nerġgħu nagħmlu l-Lotterija biex inkomplu nirranġaw is-Segreterija u nagħmlu xi xogħol ta' manutenzjoni li għandna bżonn fl-Uffiċċji ġewwa l-Istitut Kattoliku, Floriana.

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena ħsibna biex nerġgħu nitolbu l-għajnuna tal-membri tagħna biex niġbru r-rigali.

Min għandu xi riġali addattati jew jista' jiġbor xi rigali mingħand xi kumpanija jew stabbiliment u jkollu bżonn xi ittra ta' riferenza, jista' jikkuntattja lis-Segreterija fuq numru 21222239 jew lill-Amministratur Ġenerali, Ms Natalie Farrugia, fuq email:- akmammg@gmail.com

Ir-rigali jridu jinġabru u jaslu s-Segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika, Istitut Kattoliku, Floriana, sal-15 ta' Jannar 2008.

Aktar dettalji fuq il-bejgħ tal-biljetti tal-Lotterija jingħataw fl-Information Sheet ta' Frar 2008.

## Importanti li dan l-avviż jingħata lill-membri kollha taċ-Ċirkoli għax bħal ma jgħid il-Malti `. . . kull qatra tgħodd . . . .'

Grazzi bil-quddiem ta' l-għajnuna

Natalie Farrugia
Amministratur Ġenerali AKM

**KUMMISSJONI FUND-RAISING**

**San Ġwann Bosco -Ikla f'Ġieħ l-Assistenti Ekkleżjastiċi**

**Il-Hadd 27 ta' Jannar 2008 fil-Lukanda Soreda, Triq Andrew Cunningham, Qawra, minn 12.30 pm għas-1.00 pm.**

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco il-Kummissjoni Fundraising qed torganizza IKLA f'ġieħ l-Assistenti Ekkleżjastiċi. Iċ-Ċirkoli huma mħeġġa jistiednu lil Assistenti tagħhom flimkien mal-membri u l-ħbieb għal dan il-*Lunch.* Tafu kemm l-Assistenti huma ta' ħtieġa kemm għaċ-Ċirkolu u anke għal formazzjoni tal-membri u kemm ħafna drabi jkun ta' sagrifiċċju li jippreparaw u jattendu għall-laqgħat. Għalhekk huwa xieraq u mistenni li darba f'sena nuruhom l-apprezzament tagħna għal dak kollu li għamlu magħna. Ħudu ħsieb inkitbu kmieni biex tilħqu post għax il-postijiet huma limitati. Awguri għal Milied Qaddis u Ħieni.

# MENU

**A Selection of Salads, Antipasti & Meat Cuts from our Buffet Table**

---------

Soup of the Day

--------

## From the Live Pasta Station

Fusilli Blended With Shellfish, Wine & Herbs

## From the Carvery Table

Roast Loin of Beef
Roast Breast of Turkey
Chicken Legs
Vindalo Lamb
Baby Sword Fish
Vegetables, Roast Potatoes
Steakhouse Chips
A Selection of Desserts, Cheeses & Carved Fruit from our Dessert Table
Cheese & Maltese Biscuits

**One (1) Glass of Wine OR Soft Drink**

Bħas-soltu l-kitba ssir fis-Segreterija ta' l-A.K.M. fl-Istitut Kattoliku, Floriana, sal-Ħamis 24 ta' Jannar 2008. Tel 21222239. IMPORTANTI wkoll li tgħidulna fuq liema mejda tixtiequ toqgħodu għall-ikel. Min ikollu bżonn trasport iċempel lil Mrs Marie Bartolo Tel 21221931. Prezz: Kbar Lm6.00. (Eur 14) Tfal Lm3.00. (Eur 7)

# CLEARANCE SALE

## SKONT TA' 50% U AKTAR



## FIL-LIBRERIJA
## TA' L-AZZJONI KATTOLIKA – FLORIANA



## MILL-
## 14-31 TA' JANNAR 2008

Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa: - 9:00 sa nofsinhar
16:00 sas 19:30 ta' filgħaxija

Is-Sibt Filgħodu biss

Tel: 21237031

TINSIEX META TIXTRI MIN DIN IL-LIBRERIJA BARRA LI TKUN QED TAGĦTI RIGAL MILL-QALB TKUN QED TGĦIN LIL AZZJONI KATTOLIKA FIL-ĦIDMA TAGĦHA.